MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

Il-Hamis 23 ta' Awwissu 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Maria Sultana - Kunsilliera

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

10.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ittra minghand is –Sinjura Maria Sultana biex tigi skuzata minhabba ragnijiet ta' safar***

10.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Lulju 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindu Christopher Bruno

10.3 A **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta precedent ( Seduta 9)**

(Punt 9.3.C mis-seduta preċedenti )Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi t-TM iridu site plan immarkata tat-triq kollha kif inhu qed jissuġġerixxi l-Kunsill li tiġi mmarkata Triq Santu Rokku.

Il-Kunsill immarka l-pjanti waqt din is-seduta kif jaħseb illu hu l-aħjar biex jitnaqqsu l-ilmenti kif ukoll jitnaqqas il-periklu minn ġo din it-triq stess. Dawn il-pjanti ser ikunu qed jiġu mibgħuta lill-TM għal approvazzjoni bħas-soltu minn naħa tagħhom.

( Punt 9.3.A1 mis-seduta preċedenti) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin is-Seg Eżek ser tkun qed tibgħat email ta' informazzjoni fuq il-'bye law' għal tranġar ta' dgħajjes fejn tajjeb li kulħadd jibgħat il-kummenti tiegħu biex l-avukat tal-Kunsill ikollu bażi tal-istess Kunsill xi jrid eżatt fin-naħa tax-Xewkija ġol Kalkara kif diġa kien ġie maqbul mill-istess Kunsill f'seduta preċedenti

10.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand persuna li xtaqet li issir loading / unloading ta' anzjana li hu jieħu ħsieb. Hija preżentat ittra formali flimkien mar-ritratti tal-area li qed jissuġerixxi li jsir xi ħaga dan l-istess resident in-naħa ta' Santu Rokku.

Il-Kunsill qabel li din ir-rikjesta tintbgħat lit-TM pero fil-fehma tagħhom kif inhu l-immarkar f'din l-area fil-preżent diġa jista' jniżżel / itella lil xi ħadd faċilment mill-karozza la darba r-rikjesta qiegħeda għal ftit minuti.

Is-Sur Bruno issuġerixxa li mal-korrespondenza li ser tkun qed tintbgħat lill-'TM' fuq dan il-każ wieħed jista' forsi jikseb permess temporanju li jitħalla mal-windscreen biex warden / pulizija jkun jaf bil-każ u ma jingħatawx ċitazzjonijiet la darba dan l-individwu ma jkunx qed jikser liġijiet.

B2 Il-kunsill qabel unanimament illi l-iskip ta' Triq is-Sibi għandha titneħħa minnufih minħabba l-fatt illi diġa kienet tressqet bħala prova u n-nies baqgħu jilmentaw fuq fatturi varji. Din id-deċiżjoni ttieħded wara illi l-area ġiet identifikata bħala waħda ristretta u sfortunatament m'hemmx fejn wieħed jista' jagħmilha mingħajr ma jdejjaq il-ħadd. Ser tkun qed tintbgħat ittra f'kull residenza biex kulħadd ikun infurmat bit-tneħħija tal-istess skip qabel ma titneħħa mill-kuntrattur. In-nies ser ikunu xorta moqdijin bis-servizz tar-'runner' bħal toroq oħra li m'hemmx faċilita' ta' skip fl-aħħar mill-aħħar.

B3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar kuntratt ġdid li jrid jiġi ffirmat mill-Kunsill la darba inqabel b'mod unanimu f'seduta preċedenti fuq ġbir ta' ħwejjeg minn wara l-bieb tan-nies għas-spejjeż ta' dan il-kuntrattur li qed javviċina l-kunsilli kollha. Is-Seg Eżek spjegat illi fil-jiem ta' qabel kien hemm struzzjonijiet abbażi ta' opinjoni biex ma jiġi iffirmat l-ebda kuntratt minn naħa ta' awtorita partikolari. Tlett kunsilliera kontra wieħed qablu li l-kuntratt għandu jiġi iffirmat għaliex is-servizz huwa wieħed impekkabli għar-residenti tal-lokal iktar u iktar meta l-Kunsill mhux qiegħed joħrog flus għal dan is-servizz.
Huma ukoll saħqu li tajjeb li jiġu ikkonsultati kunsilli oħra kif ukoll forsi d-dipartiment għal struzzjonijiet konkreti.

B4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar problema rikorrenti fuq il-berġa u l-librerija fejn l-owner tal-post reġa bagħat lill-Kunsill li ser jerġa' jgħolli l-kera għal €850 fix-xahar.

Il-Kunsill ma qabilx mal-miżata imsemmija hawn fuq u kulħadd baqa' jsostni li

hemm bżonn li issir aktar pressjoni kif ilu jsir f'dawn l-aħħar 4 snin biex jittieħdu garaxxijiet tal-gvern vojta fil-preżent biswit il-Kunsill.

Is-Sur Bruno saħaq illi hu bl-ebda mod ma jaqbel li l-Kunsill ikompli jħallas miżata bħal dik iktar u iktar meta l-istess Kunsill għandu problemi finanzjarji. Fl-istess ħin huwa saħaq illi mhux lest li jagħlaq il-berga u l-librerija u li n-nies tal-lokal għandom dritt ikomplu jinqdew kif dejjem inqdew għal aktar minn għaxar snin.

Il-maġġoranza tal-Kunsill qabel illi għandu jsib post temporanju fejn jiġu stazzjonati l-berga u l-librerija sakemm il-Kunsill jieħu konferma jew tweġiba formali mingħand il-gvern ċentrali dwar id-devoluzzjoni tal-garaxxijiet imsemmija hawn fuq li wara das-snin kollha m'hemm l-ebda risposta miktuba iswed fuq l-abjad.

Wara li ġie issuġġerit li l-berġa u l-librerija titla' fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill is-Seg Eżek uriet biċ-ċar li hi ma taqbilx ma' dan is-suġġeriment minħabba ragunijiet ovji fosthom li l-post amministrattiv huwa diġa wieħed zgħir minn fejn joperaw u li impossibli jaħdmu b'ammont ta' nies deħlin u ħerġin mill-uffiċini biex jinqdew għal berġa u l-librerija. Hija saħħqet ukoll illi lanqas huwa professjonali li t-tabib jopera minn ġo uffiċju fejn kulħadd jista' jisma persuna titkellem. Apparti minn hekk hija saħħqet illi hi tifhem il-kunsilliera li ma jridux jalqgħu l-berġa anka minħabba l-fatt li l-elezzjoni wara l-bieb fost affarijiet oħra pero lanqas hu sew illi l-berġa / librerija topera mill-uffiċini tal-Kunsill u li minn operat mhux daqsekk tajjeb bħala sid ġejjin f'sitwazzjoni għar u mhux għal aħjar. Is-Seg Eżek kompliet tisħaq illi bħala - aħħar riżorsa se maj b'mod temporanju jintuża uffiċċju ieħor fi ħdan il-Kunsill fil-preżent bħala IT Centre fejn huwa ferm aħjar mill-uffiċini tal-Kunsill pero ser ikollom jitħassru l-korsijiet oħra u ovjament jiġi irranġat biex tkun tista' topera berġa / librerija dan wara li jinġieb il-permess kif suppost mill-'health department'.

Il-Kunsill ser ikun qed jibgħat nota lid-dipartiment ta' informazzjoni biex din is-sitwazzjoni tiġi inutata għal aktar gwida u suġġerimenti. Fil-fratemp il-kunsilliera pressaw lis-Sindku biex tiltaqa' ma' membri politiċi li jistgħu jgħinu biex tinġieb id-devoluzzjoni illum qabel għada.

Is-Sindku baqgħat tisħaq illi hi ma taqbilx illi l-berġa u l-librerija jitrasferixxu ruħhom fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill imma li bhala Kunsill jibqa jiggieled għad-devoluzzjoni.

10.3.C Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar talba / suġġeriment minn naħa ta' resident li joqgħod fil-viċinanzi ta' Santu Rokku

fejn dan qed jitlob illi t-trakkijiet tad-drenaġġ li ilhom snin jgħaddu minn din ir-rotta għandom jiġu mgħoddija minn rotta oħra li tinkludi x-Xgħajra, Smart City, Ċumnija , Missjoni Taljana u joħorġu minn Santa Liberata. Il-Viċi Sindku żied jgħid illi bl-istess trakkijiet li qed jgħaddu minn Santu Rokku hu kien ilu jisħaq illi saħansitra t-triq niżlet u n-nies għandom problemi fil-kanen tad-drenaġġ / ilma li jagħtu għal ġor-residenzi tagħhom stess.

Din it-talba ser tkun qed tintbgħat l-awtoritajiet ikkonċernati forsi tiġi ikkunsidrata rotta ġdida kif imsemmi hawn fuq.

10.3.D Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba / suġġeriment biex tiżdied rotta tat-transport li tinżel mill-mina tal-Kalkara tgħaddi minn Misraħ Arċisqof Gonzi, Triq Marina, tmur lejn Missjoni Taljana, Ċumnija u Smart City iġifieri rotta man-naħa l-oħra li hemm bħalissa fil-preżent.

Din it-talba ser tkun qed tintbgħat lill-TM għal kunsiderazzjoni tagħha speċjalment minħabba l-fatt li jridu jiġu installati 'bus stops' ġodda man-naħa l-oħra ta' triq.

10.3.e Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il Kunsill illi fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tiltaqa' mal-onorevoli Herrera biex tkellmu f'isem il-Kunsill fuq ir-riħa ta' gas li ilha żmien għadejja fil-lokal tal-Kalkara n-naħa ta' Santu Rokku / bajja / married quarters biex isir xi ħaġa u jkun hemm infurzar minn naħa tal-gvern ċentrali peress li din is-sitwazzjoni ma taqax taħt il-Kunsill dirett sfortunatament.

10.3.f Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar il-ġabra globali li inġabret waqt l-attivita' ta' Puttinu li tammonta għal €5,973.30 li minna iridu jinqatgħu xi spejjeż li finalment ser tkun qed tingħata somma ta' €3323.30 lill-Puttinu Cares f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Vici Sindku- Christopher Bruno

A1 Is-Sur Bruno saħaq illi hawn ħafna nies illi qed jitfgħu l-iskart minn ġol bramel għal ġol-iskips flok jalqgħu kollox ġo borża sewda kif suppost li b'hekk

qed jiġġenera aktar ħmieġ u ntejjen madwar l-iskips kif ukoll saħaq illi hemm bżonn isir xi ħaġa fuq il-ħaxix li qed jikber b'mod mgħaġġel ħafna f'kull triq. Huwa saħaq illi bi żbir biss mhux qed ikampa u li tajjeb nibgħatu l-era biex ituna gwida ta' wieħed x'jista' juża biex itawwal il-growth tal-ħaxix li ma jagħmilx ħażin is-saħħa u l-ambjent.

A2 Is-Sur Bruno informa l-Kunsill dwar attivita' li jixtieq jikkordina ma' persuna fejn il-Kunsill mhux ser ikun qed joħroġ flus. Din l-attivita' tinkludi 'obsticale race' madwar il-kottonera u l-Kalkara. Is-Sur Bruno flimkien mas-Sindku kellhom diġa laqgħa ta' introduzzjoni mas-Sur Roderick Attard li huwa l-koordinatur ta' din l-istess attivita'. Il-Kunsill Lokali Kalkara ħa jkun il-koordinatur mal-kunsilli l-oħra involuti biex jiġu skeda 'meetings' ta' informazzjoni sa mal-attivita' tiġi iffinalizzata. Din l-attivita' hija ippjanata li issir aktar tard is-sena d-dieħla f'Marzu.

10.4.B Il-Kunsillier- Vince Bongailas

B1 Is-Sur Bongailas talab li jitwaħħal bin zgħir ġewwa Sptar Navali minħabba n-nies li qed ikunu barra f'dawn l-inħawi speċjalment fis-Sajf. Is-Sindku żieded tgħid illi ma dan il-bin tajjeb li jitwaħħal ieħor fl-isqaq li jagħti għal Triq Rnella fejn kien iċ-ċimiterju tal-Ġermaniżi fil-passat.

B2 Is-Sur Bongailas innota l-Kunsill li xi ħadd b'xi daqqa ta' karozza daħal ġol bir stazzjonat ġewwa Triq Sptar Navali biex jiġi irranġat minn naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill stess.

10.4C Il-Kunsillier- Paul Bongailas

C1 Is-Sur Bongailas saħaq illi tajjeb li terġa tintbgħat email formali lill-awtoritajiet ikkonċernati fuq il-periklu li hemm ġewwa Taraġ San Ġużepp minħabba l-ġebel konsiderevoli immens li qed jaqa'.

C2 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill illi ġewwa Triq Missjoni Taljana ra xi tabelli ma' ħitan ta' għelieqi li huma għal bejgħ. Huwa saħaq illi l-Kunsill tajjeb li jkun parti mid-diskussjonijiet li jista' jkun hemm fuq dawn l-għelieqi speċjalment minn naħa tal-mepa jekk hemm xi ħsieb ta' żvilupp biex bħala Kunsill nagħmlu pressjoni li hemmhekk mhux l-idejal biex jinbena żgur mhux forsi.

## 10.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 8.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 10.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 10.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fil 5:30 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Hamis 23 ta' Awwissu 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |